MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Numru. 1322/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**vs**
**Antoine sive' David Monsigneur**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Antoine sive' David Monsigneur ta' 39 sena, bin Joseph u Josephine nee' Bugeja imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Jannar 1981, residenti 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 49071(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar il-11 ta' Dicembru 2010, ghall-habta tal-4.00pm, f'Hal Qormi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, mobile Nokia u vacuum cleaner, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika u li sar ghad-detriment ta' Carmel Muscat ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi Carmel Muscat kontra l-volonta' tieghu ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghlu lil Carmel Muscat jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Carmel Muscat, ma liema theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 249 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6. Nhar it-12 ta' Dicembru 2010, ghall-habta ta' 6.00pm, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra , ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq is-Surgent numru 94 Jack Farrugia, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra is-Surgent numru 94 Jack Farrugia u il-Kuntistabbli numru 1463 Charles Borg, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lis-Surgent numru 94 Jack Farrugia, ma liema theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 249 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ,ma' obdiex l-ordnijiet legittimu ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel.

10. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fi 12.12.08, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

11. Rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Mejju 2011 (esebita a fol. 138 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikoli 261(a) u (g), 262(1)(b), 271(g), 275, 277(a), 281(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. Fl-Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. Fl-Artikoli 249(2) u 251(1), 338(dd), 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
4. Fl-Artikoli 95, 96, 249(2), 338(dd) u (ee), 339(1)(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
5. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
6. Fl-Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2013, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma dawn li gejjin. Fil-11 ta' Dicembru 2010 Carmel Muscat ghamel rapport[1] fl-Ghassa ta' Hal-Qormi fejn allega li ghall-habta tal-4.00pm tal-istess jum waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu fi Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi gie mwaqqaf mill-imputat li kien f'vettura bajda ma tnejn min-nies fiha fejn l-imputat imbaghad tela' fil-vettura tieghu, kellmu fuq incident li sehh xi zmien qabel fejn skond l-imputat kien wehel piena ta' prigunerjia minhabba statement li kienet ghamlet mart l-imputat mbaghad, hatfu minn ghonqu u qallu sabiex jaghtih kull ma kellu u mbaghad hadlu mobile phone, vacum cleaner u persuna ohra li kienet fil-vettura mal-imputat hadlu l-flus li kellu fil-but. L-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw dan ir-rapport hargu notice interna li l-imputat kien wanted u meta l-girlfriend tal-imputat marret tiffirma l-Ghassa tal-Qawra giet mistoqsija dwar fejn kien jinsab l-imputat u hija qaltilhom li kien maghha u li kienet ser tghidlu sabiex imur l-Ghassa u ftit tal-hin wara l-imputat fil-fatt mar minn jeddu l-Ghassa. Meta zewg Pulizija mis-CID, PS94 u PC1463, marru sabiex jigbru lill-imputat u jarrestawh sabiex jehduh is-CID sabiex jigi nterrogat mill-Ispetturi Jeffrey Cilia u Anthony Cachia u PS 94 hareg il-manetti sabiex jimmanettja lill-imputat dan ifferocja, sar agressiv fil-konfronti ta PS94 Jack Farrugia u beda' jghajru u jheddu kemm jiflah. Il-Pulizija mbaghad irnexxilhom jimmanetjaw lill-imputat u jehduh id-Depot tal-Pulizija fejn huwa gie nterrogat u rrilaxxja l-istqarrija li

[1] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 25 u 26 tal-atti processwali.

tinsab inserita a fol. 47 sa 49 tal-atti processwali fejn ma rrisponda ghall-ebda domanda maghmula lilu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat jistghu jinqassmu fi tnejn fejn l-imputazzjonijiet minn 1 sa 5 jirrigwardaw l-incident ma' Carmel Muscat u fejn l-impuat qed jigi akkuzat bis-serq, ricettazzjoni, arrest illegali, u theddid u l-imputazzjonijiet minn 6 sa 9 jirrigwardaw l-incident li sehh aktar tard fl-Ghassa tal-Qawra fejn l-imputat kien agressiv u nsulenta u hedded lil PS94 Jack Farrugia. Minn ezami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ebda wahda mill-imputazzjonijiet minn 1 sa 5 ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Fil-fatt jekk wiehed jezamina x-xhieda tal-allegat vittma Carmel Muscat li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' April 2011 jara li dan ta verzjoni kompletament differenti minn dik li kien ta a tempo vergine meta ghamel ir-rapport mal-Pulizija ghaliex a tempo vergine huwa kien indika li, l-imputat ghamillu idejh m'ghonqu, talbu l-flus u hadlu l-mobile u l-vacum cleaner mentri meta xehed quddiem din il-Qorti huwa qal li l-imputat kull ma ghamel kien li kkonfrontah dwar dak li kien gara xi snin ilu meta mart Muscat irrilaxxjat xi statement kontra l-imputat u sostna li kien Ismael Habesh li hadlu l-flus, il-mobile u l-vacum cleaner Adel Duwah li kien il-persuna l-ohra li kien fil-vettura tal-imputat u li xehed waqt l-udjenza tal-20 ta Mejju 2011 qal li kull ma ra kien lill-imputat jinzel mill-vettura u jiggieled ma' Muscat u xejn aktar. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li abbazi ta' dak li qalu dawn iz-zewg xhieda ma tirrizultax ir-reita' in kwantu jirrigwarda l-ewwel hames imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet 6 sa 9 PS94 Jack Farrugia meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' April 2011 qal li huwa kien intbaghat l-Ghassa tal-Qawra mill-Ispettur tieghu Jeffrey Cilia sabiex jigbor u jarresta lill-imputat u jiehdu d-Depot sabiex jigi nterrogat in konnessjoni mar-rapport maghmul minn Carmel Muscat.

Huwa qal li kien dahal l-Ghassa akkompanjat minn PC1453 Charles Borg fejn kien hemm l-imputat bilqeghda fuq bank u spjega li malli informa lill-imputat li ser jigi arrestat dan irvilla, beda' jheddu u jghidlu li huwa kien sawtu l-Habs. Huwa qal li l-imputat gie kkalmat u mmanetjat u ttiehed id-Depot minn pulizija mil-Mobile Squad u spjega li xi jumejn wara l-imputat kien kellmu u skuza ruhu mieghu u qallu li meta beda' jghajru ma kienx f'sikktu u kien tfixklu ma haddiehor. PC1463 Charles Borg ukoll xehed waqt l-udjenza tat-8 ta' April 2011 u kkonferma li meta hu u PS94 marru sabiex jarrestaw lill-imputat dan tal-ahhar kien agressiv mas-surgent u beda' jitlewwem mieghu jghajru u jheddu ghaliex ma riedx imur maghhom u huma kellhom juzaw daqxejn ta forza sabiex jimmanetjawh u jehduh id-Depot. Il-Pulizija tal-Mobile Squad PS 746 Jeffrey Attard McCarthy li xehed waqt l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2012 qal li kienu infurmawh mill-Control Room sabiex imur l-Ghassa tal-Qawra sabiex jassisti lil PS94 mis-CID stante li kien hemm persuna arrestata li kienet qed taqla' l-inkwiet. Huwa qal li meta mar fuq il-post sema' hafna ghajjat, dagha u theddid li kien gej mill-imputat. Dan ix-xhud qal li huwa sema' lill-imputat jghid lil PS 94 li kien ser joqtlu, jigdimlu grizmejh u jobzoqomlu f'halqu mbaghad irnexxilhom jikkalmawh u jehduh id-Depot. PS746 spjega li l-imputat fil-karozza qallu li PS94 kien imqabbad mieghu meta kien il-Habs u x-xhud spjegalu li PS94 fil-fatt qatt ma kien stazzjonat il-Habs.

Illi l-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' PS94, PC1463 u PS746 tirrrizulta r-rejita' taht l-Artikoli 95, 249(2), 338(dd) u 338(ee) u 339(1)d) u (e) tal-Kodici Kriminali izda jidrilha wkoll li ma jirrizultawx l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex tinstab htija taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.

Il-Prosekuzzjoni rnexxilha wkoll tipprova li l-imputat kiser il-provvedimenti mposti fuqu pemezz tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 ta’ Mejju 2011 u senjatament l-artikoli 17, 31, 95, 249(2), 338(dd), 338(ee), 339(1)(d) u (e), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala 6, 8, 9, 10 u 11 u tikkundannah erba’ (4) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------